MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 102/2012/1

**Alberta Fire & Security Equipment Ltd (C-6606), Sicuro Safety Solutions Ltd (C-41991), International Safety Training Centre Ltd (C-26022) u P.T. Matic Environmental Services Ltd (C-17720) maghrufin kollettivament bhala l-Alberta Group**

**vs**

**Mark Mifsud, fil-kummerc, bin Carmel u Mary nee' Ellul, imwieled H'Attard u joqghod Marsaxlokk**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Alberta Fire and Security Equipment Ltd, Sicuro Safety Solutions Ltd, International Safety Training Centre Ltd u P.T. Matic Environmental Services Ltd maghrufin kollettivament bhala l-Alberta Group, li permezz tieghu, talbu lil din il-Qorti tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Mark Mifsud biex jinzamm milli jbiegh,

inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta' u b'mod partikolari l-proprjetajiet hemm elenkati.

Rat ir-risposta tal-intimat Mark Mifsud li, ghar-ragunijiet hemm imfissra talab lil din il-Qorti tichad it-talba.

Rat l-Art. 873 et seq. tal-Kap. 12.

Il-ligi timponi fuq rikorrent li jipprova zewgt ihwejjeg biex jigi gustifikat il-hrug ta' mandat bhal dan, l-ewwel li r-rikorrent ghandu mad-daqqa t'ghajn id-drittijiet imbaghad irid jipprova ukoll il-htiega tal-mandat biex jitharsu l-istess drittijiet.

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li bejn il-partijiet jezistu proceduri pendenti fejn ir-rikorrenti qed jitolbu kundanna ghad-danni fil-konfront tal-intimat. Jirrizulta li l-unici assi li ghandu l-intimat huma l-proprjetajiet de quo u ghalhekk jekk jigu trasferiti, ir-rikorrenti jsoffri pregudizzju. Il-Qorti tqis id-dritt li ghandha r-rikorrenti li tikkawtela l-pretensjoni taghha kif dedotta fil-proceduri giudizzjarji minnha ntavolati.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors numru 102/12 datat 24 ta' Jannar 2012 u ghall-fini tal-Art. 874(3), tinnomina lin-Nutar Sean Critien.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------